MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2011

Numru. 68/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Josef Schembri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Josef Schembri detentur tal-karta tal-identita` numru 556477(M).

Akkuzat talli:
F’dawn il-Gzejjer, fl-1 ta’ Marzu 2008, u fix-xhur u s-snin ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-

delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalik innifsu jew ghal hadd iehor bil-ghan tesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 18, 185(1) u 121A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekussjoni u li l-fedina penali hija kwazi netta, qeghda ssib lill-imputat Josef Schembri hati ta' akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah tmintax-il (18) xahar prigunerija li l-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sopsizi ghal sentejn (2).

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------